Kulleġġ San Nikola Sekondarja tas-Subien, In-Naxxar
St. Nicholas College Naxxar Boys Secondary

# Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
# Frar 2016

FORM 3 | Ġeografija (Ġenerali) | ĦIN: Siegħa u nofs

Isem ________________________________ Klassi ______________

**Taqsima A**
Wieġeb il-mistoqsijiet kollha ta' din it-taqsima.

1. Ħares lejn disinn 1 u wieġeb il-mistoqsijiet billi tagħmel (✓) ħdejn it-tweġiba t-tajba.



Disinn 1

(a) X'tip ta' biedja qed jippratika l-bidwi f'disinn 1?

| | |
|---|---|
| Trobbija tal-bhejjem | |
| Kultivazzjoni tar-raba' | |
| It-tnejn f'daqqa | |

(b) F'din it-tip ta' biedja l-bidwi qed:

| | |
|---|---|
| ikabbar il-ħaxix u l-frott | |
| irabbi l-annimali | |
| it-tnejn f'daqqa | |

(c) Liema annimali jitrabbew hawn Malta?

| | |
|---|---|
| Ħnieżer | |
| Koala | |
| Ġiraffi | |

(3 marki)

2. Ikteb **Veru** jew **Falz** ħdejn kull sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| i | Fil-biedja organika jintużaw il-fertilizzanti u l-pestiċidi. | |
| ii | F'Malta ma nużawx fertilizzanti. | |
| iii | Il-fertilizzanti jintużaw biex jikbru l-prodotti aktar malajr. | |
| iv | Il-pestiċidi jintużaw biex jinqerdu insetti u ħlejjaq li jagħmlu ħsara lill-pjanti. | |
| v | Id-demel huwa fertilizzant naturali. | |
| vi | Użu żejjed ta' fertlizzanti ma jagħmilx ħsara lill-ilma tal-pjan. | |

(6 marki)

3. Ħares sewwa lejn it-tabella ta' hawn taħt. Poġġi l-kliem mogħtija hawn taħt fil-kaxxa t-tajba.

**Għar** **Blataforma** **Ilsien tal-art** **Tieqa** **Rdum** **Bajja**

| | |
|---|---|
|  | |
|  | |
|  | |

| | |
|---|---|
|  | |
|  | |
|  | |

(6 marki)

**Taqsima B**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha ta' din is-sezzjoni (minn 4 sa 11). It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u preċiżi.**

4. a. Immarka l-bajjiet msemmija hawn taħt fuq disinn 3.

**Il-bajja ta' Għajn Tuffieħa** **Il-bajja ta' Birżebbuġa** **Il-bajja tax-Xlendi**



Disinn 3

(3 marki)

b. Disinn 4 juri **blataforma**. Fi ftit sentenzi spjega kif tifforma blataforma.




Disinn 4

(3 marki)

5. a. Semmi **żewġ** modi kif il-baħar jista' jitniġġes.

(4 marki)

b. Semmi **żewġ** effetti tat-tniġġis tal-baħar.

(4 marki)

6. Qabbel dawn is-sentenzi dwar it-tnissil tal-ħamrija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Il-ħamrija hi magħmula minn frak tal-ġebel | | li tgħawru u tfakkru matul is-snin. |
| b. | Fil-ħamrija nsibu bċejjeċ u frak tal-blat | | materjal organiku, arja u ilma. |
| c. | Il-materjal organiku jikkonsisti minn | | jikkonsisti minn ilma u arja. |
| d. | Il-materjal organiku hu magħruf ukoll bħala | | fdalijiet ta' veġetazzjoni u ħlejjaq oħra li mietu u tmermru. |
| e. | Aktar minn nofs il-volum tal-ħamrija | | humus. |

(5 marki)

7. Ikteb jekk dawn is-sentenzi dwar it-telf tal-ħamrija humiex veri jew foloz.

| | |
|---|---|
| Ir-rata ta' telf ta' ħamrija hija akbar fuq l-għoljiet milli fil-witat. | |
| Kisja ħaxix tgħin u tipproteġi l-ħamrija mir-riħ. | |
| Fejn l-art tkun mgħottija bil-ħaxix u s-siġar, tintilef ħafna ħamrija. | |
| L-għeruq tas-siġar iżommu l-ħamrija f'postha. | |
| Aktar ma tintilef ħamrija aktar tiżdied il-produzzjoni tal-ikel. | |
| Il-ħitan tas-sejjieħ iżommu l-ħamrija f'postha. | |

(6 marki)

8. Fit-tabella ta' hawn taħt hemm imsemmija t-tliet tipi differenti ta' ħamrija fil-gżejjer Maltin. Poġġi dawn il-karatteristiċi fil-kolonna t-tajba.

| | | |
|---|---|---|
| **Fiha ħafna ġebel** | **Fiha ħafna korbanat tal-kalċju** | **Tinfaqa' malajr bl-ilma** |
| **Tissejjaħ ukoll Xerorendzina** | **Għandha lewn ħamrani** | **Għandha lewn kannella** |
| **Magħmula mill-blat tat-tafal** | **Fiha ħafna ossidu tal-ħadid** | **Magħmula mill-blat tal-globiġerina** |

| Tal-Ħamri | Tal-Bajjad | Il-Kannella |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

(9 marki)

9. Semmi **żewġ** vantaġġi u **żewġ** żvantaġġi tal-biedja organika.

Vantaġġi: ______________________________________________

______________________________________________

Żvantaġġi: ______________________________________________

______________________________________________

(8 marki)

10. Disinn 5 juri profil tal-ħamrija. Immarka t-tliet saffi ewlenin tal-profil tal-ħamrija msemmija hawn taħt.

**Ħaxix u weraq niexef** **Il-fond tal-ħamrija** **Sodda tal-Blat**

(3 marki)



Disinn 5

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb iż-żewġ mistoqsijiet ta' din is-sezzjoni. It-tweġibiet iridu jkunu dettaljati u jinkitbu fuq karta separata. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

11. Disinn 6 juri xatt li fforma bl-erożjoni mill-baħar. Disinn 7 juri xatt li fforma bid-depożizzjoni mill-baħar.

(a) X'inhi d-differenza bejn **erożjoni** u **depożizzjoni**? (4 marki)

(b) Spjega kif jiffurmaw **għar**, **tieqa** u **taqtigħa** bħal ma jidhru f'disinn 6. (9 marki)

(c) Pinġi disinn illejbiljat li juri kif jiffurmaw **għar**, **tieqa** u **taqtigħa.** (4 marki)

(d) Agħti eżempju ta' **għar**, **tieqa** u **taqtigħa** fil-gżejjer Maltin. (3 marki)



Disinn 6



Disinn 7

12. Disinn 8 juri studenti qed jieħdu sehem fi proġett ta' afforestazzjoni. Disinn 9 juri ħaddiema jibnu ħajt tas-sejjieħ.



Disinn 8



Disinn 9

(a) Agħti t-tifsira ta' **afforestazzjoni**. (2 marki)

(b) Spjega l-importanza ta' proġetti ta' **afforestazzjoni** biex ma tintilifx il-ħamrija. (6 marki)

(c) Spjega kif il-**ħitan tas-sejjieħ** u l-**għelieqi mtarrġa** jgħinu biex ma tintilifx il-ħamrija. (4 marki)

(d) Il-ħamrija tintilef minħabba **kawżi naturali**. Semmi liema huma dawn il-kawżi naturali. (4 marki)

(e) Il-bniedem ukoll jista' jwassal għat-telf tal-ħamrija. Spjega attivita' waħda tal-bniedem li twassal għat-telf tal-ħamrija. (4 marki)

---